**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 28 ta' Mejju 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**BENJAMIN BONDIN**

Kump Nru 1174/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Benjamin Bondin detentur tal-karta tal-identita numru 561565M** , gie akkuzat talli bejn Jannar 2001 u Mejju 2011 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jkisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghek personali;

1. Approprjajt ruhek billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe ammont ta' VAT li ngabar minnek u ma thallasx lid-Dipartiment tal-VAT li jaqbez is-somma ta' €2,329.37.

2. Kif ukoll int akkuzat tali fl-istess data, hin u cirkostanzi int sirt recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D moghtija fl-20 ta' Mejju 2010 u fid-9 ta' Gunju 2011, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2018, wara l-qari tal-imputazzjonijiet bil-gurament, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur ;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali ta` l-imputat;
b. l-ammissjon ta` Benjamin Bondin li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

c. il-fatt li, kif jinsab rizultanti mill-atti (ara depozizzjoni ta` Paul Scicluna ghad-Dipartiment tal-VAT), Benjamin Bondin hallas dak kollu dovut lid-dipartiment u li llum ma ghadx hemm pendenzi;

d. il-fatt li n-nuqqasijiet da parti tal-imputat kienu dovuti ghal diffikultajiet ta` *cash flow* u s-sitwazzjoni ekonomika xejn felici fiz-zmien *de quo*.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Benjamin Bondin, ma hux spedjenti li twahhal piena.

Konkluzjoni.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Benjamin Bondin hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Benjamin Bondin bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Benjamin Bondin fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur